MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 268/2014

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Juanita FENECH [ID. Nru. 148761M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-23 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' tlett mija sitta u hamsin euro u sebgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€356.97c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attriċi s-somma ta' tlett mija sitta u hamsin ewro u sebgha u disghin ċenteżmu (€356.97) in konnessjoni ma' 79262624 (AC50980086).

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali 4898/10, u bl-imghax mil-21 ta' Dicembru 2010 data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Ra li l-intimata minkejja li dehret ghas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2014 baqghet ma ppreżentat l-ebda risposta. Ra li skond il-verbal ta' l-imsemmija seduta t-talba ġiet differita ghall-probabbli transazzjoni.

Ra li fis-seduta tal-lum l-intimata ma dehritx u d-difensur tas-socjeta rikorrenti ddikjarat li t-transazzjoni msemmija fil-verbal tal-25 ta' Gunju, 2014 baqghet ma saritx.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimata ghad fadlilha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' €356.97c.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur

tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta’ €356.97c rapprezentanti din is-somma servizz ta’ komunikazzjoni u penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ tlett mija sitta u hamsin euro u sebgha u disghin ċenteżmi ta’ euro [€356.97c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, dehret fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2014 u gie dikjarat li hemm il-possibilita ta' transazzjoni u ghal dan il-ghan intalab differiment, liema differiment inghata. Din l-awspikata transazzjoni, skond ma jirrizulta mill-verbal tal-lum, baqghet ma intlahqitx. L-intimata imbaghad ma dehritx ghas-seduta tal-lum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija sitta u hamsin euro u sebgha u disghin ċenteżmi ta' euro [€356.97c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-21 ta' Dicembru, 2010 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 4898/10.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------